**IL-BAMBIN BIS-SALIB ...**



***'Gesù Bambino dormiente sulla croce'* - Cristofano Allori (1577-1621)**

L-istudjużi tal-arti jistqarru li fil-maġġor parti, dawn ix-xbiehat juru nfluwenza partikulari mill-puttini tal-arti antika, u jagħtuna 2 raġunijiet plawsibbli li wasslu għal dan l-iżvilupp ikonografiku fix-xbieha tal-Bambin:-

***Ir-Raġuni Morali***

Il-ġisem atletiku, sabiħ u għeri ta' Ġesù Kristu, hekk kif kien qed jiġi muri minn diversi pitturi u skulturi, ħoloq skumdità u problemi pjuttost serji, speċjalment fil-kunventi femminili, sal-punt li badessi, konfessuri u diretturi spiritwali bdew jinkoraġixxu li jsiru opri devozzjonali nieqsa minn xbiehat li faċilment setgħu ifixklu l-ekwilibriju emozzjonali u sentimentali ġa tant prekarju ta' tant nisa żgħażagħ.

***Ir-Raġuni Teoloġika***

Ġesù hu l-Ħaruf li jiġi issagrifikat, anke jekk bla ħtija. Hekk id-dehra tat-tfajjel bis-simboli tal-passjoni, minflokk tal-persuna adulta, kienet tenfasizza aktar l-element tas-sagrifiċċju fis-safa u l-pjetà. Żewġ qaddisin li fil-kitbiet tagħhom jagħtuna kummenti li jirriflettu din ir-raġuni teoloġika kienu San Pawl tas-Salib (1694-1775), u San Alfons Maria de Liguori (1696-1787):

- *"Il-ħajja mqaddsa kollha ta' Ġesù kienet kollha kemm hi Salib;*
  *u l-istess ħelu Ġesù rrevela dan lil Santa Katerina ta' Bolonja."*

San Pawl tas-Salib

Ta' min jgħid li fost il-kwadri għal qalbu li kienu jżejnu ċ-ċella ta' Ruma, flimkien ma' San Ġwann u San Pawl, San Pawl tas-Salib kellu kwadru żgħir ta' Ġesù Bambin rieqed fuq Salib.

- *"Rieqed kien il-Bambin Mqaddes, iżda waqt li kien rieqed,*
  *kien qed jaħseb fil-pieni kollha li kellu jsofri għall-imħabba tagħna*
  *tul ħajtu kollha u f'mewtu."*

San Alfons Maria de Liguori



***'Gesù Bambino dormiente sulla croce'* - Giovanni Antonio Felice Orelli (1706-1776)**



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



# RIGAL MIMLI ĦNIENA, GĦERF, U RISPETT

*Messaġġ tal-Kappillan*

"Darba, meta kont għadni daqxejn ta' tfajla, kont ma' missieri fil-kju biex nidħlu naraw iċ-ċirklu. Wara ħafna, kulma kien għad baqa' bejnietna u s-sinjura li kienet qed taqta' l-biljetti kienet familja waħda biss. Din il-familja impressjonatni għax kien hemm 8 itfal, kollha taħt it-12-il sena. Ilbieshom ma kienx jiswa flus, imma kienu ndaf xummiema. Kienu tassew bil-għaqal u stajt ninduna li qatt ma kienu marru ċ-ċirklu qabel. Kien jidher li din kellha tkun ġrajja importanti fil-ħajja tagħhom. Tal-biljetti staqsiet lill-missier kemm kellu bżonn u dan qalilha: *"Tmienja żgħar u żewġ adulti sabiex inkunu l-familja kollha."* Is-sinjura qaltlu l-prezz. Il-missier resaq 'il quddiem u staqsiha: *"Kemm għedtli?"* Reġgħet qaltlu l-prezz u kien jidher li r-raġel ma kellux biżżejjed flus. Kif seta' jħares lejn uliedu u jgħidilhom li ma kellux flus biżżejjed biex jidħlu jaraw iċ-ċirklu? Hekk kif ra x'kien qed jiġri, missieri daħħal idu fil-but, ħareġ karta ta' $20 u xeħitha mal-art. Imbagħad baxxa, ġabarha, taptap fuq spallet ir-raġel u qallu: *"Skużi, sinjur, din waqgħetlek mill-but."* Ir-raġel induna x'kien ġara. Ma kienx qed jittallab imma apprezza l-għajnuna f'waqtha. Ħares fiss f'għajnejn missieri, ħadlu b'idu, ħa l-$20 u b'xufftejh jirtogħdu qallu: *"Grazzi, grazzi mill-qalb, sinjur. Din tfisser ħafna għalija u għall-familja tiegħi."* Jien u missieri mxejna lejn il-karozza u morna d-dar. Dakinhar ma morniex iċ-ċirklu imma xorta ma naqasna xejn.

***Ġest li jgħinna naħsbu u nimitaw***

Ma bsartx li l-istorja, aktarx ġrajja mill-ħajja ta' Audrey Hepburn, attriċi Brittanika rinomata, kienet se tintemm b'dan il-mod, għax ħsibtha se tkompli li wara huma wkoll daħlu jaraw ix-show. Imma fil-fatt ċedew minn tagħhom biex gawda ħaddieħor. U dan il-ġest għeni naħseb ... F'dan iż-żmien ta' festi, xi ħaġa lil xi ħadd nagħtu żgur. Donnu dejjem nagħtu miż-żejjed tagħna! Imma kieku kellna nagħtu xi ħaġa li nħossu n-nuqqas tagħha, tgħid naslu li nagħtuha? *Aħna lesti ngħallmu lil uliedna anke b'dan il-mod: li xi drabi trid tibqa' nieqes int biex tgħin lil ħaddieħor?* Filwaqt li ta' min nibqgħu nagħtu bil-qalb biex intejbu xi ftit il-ħajja ta' ħaddieħor, ejjew ngħinu fis-skiet u b'ħafna sensittività sabiex id-dinjità ta' min ikun qed jirċievi tibqa' mħarsa, u nitolbu l-grazzja biex li nagħmlu, nagħmluh fil-moħbi ħalli l-Missier tas-sema jroddilna hu, Hu li tant hu ġeneruż magħna li saħansitra wasal li jagħtina lil Ibnu.

# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Diċembru 2020

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 6 ta' Diċembru | **It-Tieni Ħadd tal-Avvent** |
| It-Tlieta 8 ta' Diċembru | **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni** |
| Il-Ħadd 13 ta' Diċembru | **It-Tielet Ħadd tal-Avvent** |
| It-Tlieta 15 ta' Diċembru | **Tibda n-Novena tal-Milied**<br>Matul in-Novena, r-Rużarju jibda fis-6:00pm u wara jkollna ħsieb tan-novena u l-Barka Sagramentali.<br>*F'dawn il-jiem inqiegħdu xi qfief biex fihom niġbru affarijiet għal persuni fil-bżonn u istituti.* |
| Is-Sibt 19 ta' Diċembru | Fil-5:00pm - Qrar bi preparazzjoni għall-Milied. |
| Il-Ħadd 20 ta' Diċembru | **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**<br>Fid-9:00am - Il-Quddiesa tkun bit-tberik tal-Bambini. |
| Il-Ħamis 24 ta' Diċembru | **Lejliet il-Milied**<br>Fil-5:00pm - Qrar<br>Fis-6:30pm - Quddiesa tal-Vġili tal-Milied.<br>Fil-11:45pm - Purċissjoni bix-xbieha ta' **Ġesù Bambin** li titqiegħed fuq l-altar għall-qima tagħna u wara l-Priedka tal-Milied. |
| Il-Ġimgħa 25 ta' Diċembru<br> | **Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu**<br>F'12:00am - Quddiesa Solenni tal-Lejl tal-Milied<br>Filgħodu l-quddies ikun:- Fis-6:45am<br>Fid-9:00am<br>Fl-10:30am<br>Filgħaxija l-quddiesa tkun:- Fil-5:30pm |
| Il-Ħadd 27 ta' Diċembru | **Festa tas-Sagra Familja**<br>Filgħodu l-quddies ikun:- Fis-6:45am<br>Fid-9:00am<br>Fl-10:30am - Bil-Magħmudija<br>Filgħaxija l-quddiesa tkun:- Fil-5:30pm |
| Il-Ħamis 31 ta' Diċembru | **L-Aħħar tas-Sena**<br>Fis-6:00pm - Rużarju<br>Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, fl-għeluq ta' dis-sena ċivili, 2020, u tintemm bil-Barka Sagramentali.<br>*Il-Ġabra tkun għad-Dar tal-Providenza.* |

***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Elias Joseph Borg Spiteri
Benjamin Caruana

***Nitolbu għalihom!***





**TAJJEB LI TKUN TAF**



# IL-BAMBIN BIS-SALIB

Ħafna drabi fi żmien il-Milied niggustaw bis-sħiħ xi pittura jew statwetta taċ-ċkejken Ġesù Bambin, magħmul mill-ġibs, mill-kartapesta jew mix-xemgħa, f'diversi pożizzjonijiet: mimdud bħal donnu rieqed, jew bilqegħda fuq blata, jew saħansitra mqajjem fuq saqajh u bħal donnu qed ibierek. Imma ta' min jinnota li x-xbieha tal-Bambin ġieli narawha wkoll b'xi salib, imsiemer jew kuruna tax-xewk. U hawn min jirraġuna u jgħid*: "Lanqas nifs ma naħmluh jieħu? ... Iva għadu jitwieled, diġa ser infakkruh fil-passjoni u l-mewt ħarxa tiegħu?!"*

***Imma qatt tħajjartu tistaqsu eżatt dan l-għaliex?***

***Qatt tħajjartu tiskopru kif dawn is-simboli tal-Passjoni irnexxilhom isibu posthom b'mod frekwenti maċ-ċkejken Bambin?***

***'Gesù Bambino dormiente sulla croce'*** **- Guido Reni (1575-1642)**



Kien proprju lejn it-tmiem tas-seklu XV u tul is-seklu XVI li daħlet fis-seħħ produzzjoni li l-kritiċi tal-arti sejħulha *'pittura għas-sorijiet'*, xogħolijiet artistiċi meqjusa bħala opri devozzjonali fejn juru viżjoni sentimentali sabiħa li ttaffi s-sbuħija pjuttost goffa tar-realtà dominanti ta' dak iż-żmien, espressa primarjament bil-barokk. Hekk dan wassal biex diversi pitturi antiki jibdew jitwarrbu jew biex il-ġisem tar-Redentur jibda jiġi mgħotti b'xi biċċa drapp, normalment ta' ċertu lussu.

Barraminnhekk bdew jidhru xbiehat, sew fil-pittura u sew fl-iskultura, tal-hekk imsejħa l-*'Bambini tal-Passjoni'*: tfajjel ta' xi sena jew ftit aktar, li juri xi simbolu tal-Passjoni bħall-kuruna tax-xewk, l-imsiemer, jew is-salib, u li mhux l-ewwel darba li jidher ħosbien jew jirrifletti espressjoni pjuttost mdejqa, bil-ħarsa tiegħu merfugħa 'il fuq lejn is-sema, bħal donnu qed jesprimi supplika. Jeżistu wkoll diversi *'Bambini tal-Passjoni rieqda'* li juru lit-tfajjel Ġesù rieqed, ta' spiss fuq is-salib, jew fuq ras ta' mewt, flimkien ma' affarijiet oħra tal-passjoni. Eżempji mill-isbaħ ta' *'Gesù Bambino dormiente sulla croce'* huma l-pitturi ta' Guido Reni (1575-1642), Cristofano Allori (1577-1621) u Giovanni Antonio Felice Orelli (1706-1776).

*... ikompli paġna 4*